

Appell ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2017 minn Aanbestedingskalender BV, Negometrix BV, CTM Solution BV, Stillpoint Applications BV, Huisinga Beheer BV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba'Awla) fit-28 ta' Settembru 2017 fil-Kawża T-138/15, Aanbestedingskalender BV et vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-687/17 P)

(2018/C 094/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Aanbestedingskalender BV, Negometrix BV, CTM Solution BV, Stillpoint Applications BV, Huisinga Beheer BV (rappreżentant: C. T. Dekker, L. Fiorilli, advocaten)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Ir-Repubblika Slovakkja

Talbiet

L-appellanti jitlobu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla, fl-intier tagħha jew parzjalment, is-sentenza appellata sa fejn ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-appellanti fil-Kawża T-138/15 u, konsegwentement;
- tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża, fl-intier tagħha jew parzjalment; u/jew
- alternattivament, tannulla fl-intier tagħha jew parzjalment is-sentenza appellata sa fejn ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-appellanti fil-Kawża T-138/15 u tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu fid-dawl tal-gwida li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tipprovdiha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż tal-ewwel istanza u tal-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, evalwat il-fatti rilevanti b'mod żbaljat u naqset milli tagħti motivazzjoni xierqa u konsistenti billi qieset u ddeċidiet li l-motiv uniku tal-appellanti għandu jiġi miċħud u għalhekk ir-rikors miċħud fl-intier tiegħu peress li l-Kummissjoni kellha d-dritt tistabbilixxi li l-attivitàjiet imwettqa minn TenderNed ma kinux ekonomiċi min-natura tagħhom u li l-miżura inkwistjoni f'din il-kawża ma kinitx tinvolvi għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

L-appellanti jsostnu li n-natura ekonomika jew mhux ekonomika tal-attivitàjiet ta' TenderNed, speċjalment il-modulu ta' preżentazzjoni ta' offerta tagħha, ma tistax titqies bħala aspetti ta' attività unika u li l-modulu ta' preżentazzjoni ta' offerta ta' TenderNet għandu jitqies bħala ekonomiku min-natura tiegħu u li huwa separat mill-awtoritajiet pubbliċi. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonforma ruħha mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward it-test dwar jekk attività hijiex min-natura tagħha ekonomika jew mhux ekonomika.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht München I (il-Ġermanja) fit-8 ta' Diċembru 2017 – Conti 11. Container Schifffahrts-GmbH & Co. KG MS "MSC Flaminia" vs Land Niedersachsen

(Kawża C-689/17)

(2018/C 094/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht München I